**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**-----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA07.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar is-Sibt, 8 t' Ottubru 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fid-9.00 ta' filgħodu.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Vincent Borg – Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-1 t' Ottubru 2011.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Ġbir tal-iskart domestiku għas-sena 2012.
3. Memo 90 (Inizjattivi Sportivi).
4. Memo 87 (Proġett Kreattiv).
5. Memo 65 (Skeda ta' attivitajiet għas-sajf).
6. Rendikont tal-proġetti mill-Kumitat.
7. Proġetti għax-Xlendi mill-Ministeru għal Għawdex.
8. Rapport taċ-*Chairperson*.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-membri.
12. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA/6-2011(02_08_2011).

**2.00 Ġbir tal-iskart domestiku għas-sena 2012.**

2.01 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li wara l-esperjenza ta' dan is-Sajf rigward ġbir ta' skart domestiku, nħasset il-ħtieġa li għas-sajf li ġej (Lulju, Awwissu u Settembru) il-ġbir fix-Xlendi jsir kuljum inkluż il-Ħdud. Kull nhar ta' Tlieta jsir ukoll il-ġbir ta' skart separat. Il-ġbir jibda fid-9.00 ta' filgħodu. Id-Dipartiment Eco-Gozo ser jgħin lil dawk il-Kumitati li jridu li jipprintjaw *sticker* bil-ħinijiet.

**3.00 Memo 90 (Inizjattivi Sportivi).**

3.01 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ sejħa għal Skema ta' Inizjattivi Sportivi fil-lokalitajiet. Ġie deċiż li l-Kumitat jerġa' japplika għal mixjiet bħalma saru din is-sena kif ukoll għal *shallow dives* edukattivi.

**4.00 Memo 87 (Proġett Kreattiv).**

4.01 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ sejħa dwar skema ta' finanzjament ta' Proġetti Speċjali. Din l-iskema hi mmirata li tinċentiva proġetti kreattivi fil-lokalitajiet. Din l-iskema ta' fondi tammonta għall-massimu ta' €25,000 lil kull Kunsill Lokali u ser tagħżel l-aħjar seba' proġetti biex dawn jingħataw għajnuna.
Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li ssir funtana fil-baħar fil-Bajja tax-Xlendi. Din tkun tista' titneħħa fix-Xitwa u terġa' titpoġġa fis-Sajf.

**5.00 Memo 65 (Skeda ta' attivitajiet għas-sajf).**

5.01 Serje ta' attivitajiet ħa jkunu mfassla madwar tradizzjonijiet popolari, fatti storiċi, kultura, arti u inizjattivi sportivi, marbutin max-Xlendi, flimkien ma' inizjattivi oħra ta' divertiment f' lokal turistiku.
Dan il-proġett jitfassal tul is-sena kollha minflok li l-fondi jintużaw għal attivita' waħda kbira.
L-esperjenza ta' ħmistax-il xahar li ilu jiffunzjona l-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi wriet li fix-Xlendi jaħdem u jintgħoġob ħafna l-kunċett li jiġu organizzati attivitajiet żgħar u medji mifruxa s-sena kollha. Fil-każ tax-Xitwa, l-attivitajiet ikunu l-Ħdud filgħodu u wara nofsinhar.
Dan il-proġett għandu jinkludi wkoll Lulju, Awwissu u Settembru u dan hu ġġustifikat peress li Ix-Xlendi hija lokalita' turistika prinċipali f' Għawdex, fejn proprju l-parti l-kbira ta' l-attivitajiet għandhom isiru fl-istaġun turistiku. Bħala regola l-attivitajiet fis-Sajf ikunu nhar ta' Ħamis (meqjusa ġurnata batuta).
Dawn l-attivitajiet mhux ħa jkunu ser itellfu udjenzi għal attivitajiet oħra f' Għawdex, għax dejjem hemm numru ta' nies li xorta jkunu Ix-Xlendi. Peress li l-attivitajiet jiġu organizzati nhar ta' Ħamis, lanqas itellfu l-attivitajiet li lokalitajiet oħra popolarment jorganizzaw fil-*weekends*. Dan iżda ma jeskludix li attivitajiet isiru wkoll fil-*weekend*.
Din il-proposta hija ta' għajnuna finanzjarja soda, peress li preżentament, l-allokazzjoni kulturali / attivitajiet għax-Xlendi hi żgħira wisq.

**6.00 Rendikont tal-proġetti mill-Kumitat.**

6.01 Il-Kumitat għadu kemm biddel il-Perit u issa qed jaħdem bil-Perit William Lewis. Huwa qed jaħdem fuq il-*Bill of Quantities* għat-*Tender* ta' Eco-Gozo, l-proposta ta' *Cantilever Footpath* u l-proġett li ser isir mill-fondi tal-UIF.

Il-Kumitat għadu qed jistenna mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar PPP ta' Toroq – Triq ir-Rumani u Triq il-Kavallieri.

**7.00 Proġetti għax-Xlendi mill-Ministeru għal Għawdex.**

7.01 Wara li l-Kumitat ġie mistieden mill-Ministeru għal Għawdex sabiex jara l-pjanti dwar xogħol ta' *upgrading* u *embellishment* fix-Xlendi kien hemm qbil li l-Kumitat jibgħat in-*no objection* għal xogħlijiet ta' *upgrading*.

**8.00 Rapport taċ-*Chairperson*.**

8.01 Ma kellux x' jirrapporta ċ-*Chairperson* peress li l-punti diġa' semmihom waqt l-andament tal-laqgħa.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku ma kellux x' jirrapporta.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kien irċieva *e-mail* mingħand l-Għaqda Inħobbu l-Munxar u x-Xlendi. Din l-*e-mail* intbagħtet ukoll lill-Istabbilimenti Turistiċi tax-Xlendi. Peress li din l-Għaqda ser tingħata *grant* ta' €50,000 mill-iskema Eco-Gozo, ser jimbeda l-proġett 'Valorising (local) Heritage (of a typical Gozitan village and hamlet) to improve the Gozo Tourism Product'. Qed jiġi mħabbar li matul Settembru 2011 ser tinbeda l-kampanja ta' 10 ġimgħat ta' reklamar fuq l-istazzjon nazzjonali tat-TV.

10.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kien għadu qed ifittex il-kuntatti tas-sidien ta' *plots* mhux mibnija. Bħalissa jaf ta' tnejn biss u idealment hu li l-ittra tintbagħat lil kulħadd fl-istess ħin.

**11.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

11.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba mingħand sid ta' proprjeta' fi Triq ir-Rumani. Huwa qed jitlob li ssir laqgħa mill-Kumitat mar-residenti u sidien ta' proprjeta' fi Triq ir-Rumani sabiex jiġu diskussi affarijiet li hemm bżonn li jsiru qabel din it-triq tinkesa bit-tarmak, fosthom *culvert* għall-ilma.
Ġie deċiż li din il-laqgħa ssir hekk kif il-Kumitat jirċievi l-konferma mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00 ta' filgħodu u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***